# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU 867

KAZ NRU. 1095

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Anthony Pisani

u

Malta Shipbuilding Co Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 19 ta’ Settembru 1997

**Chairman : Is-Sur Albert J. Tabone**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Harsien Socjali b’ittra datata 23 ta’ Jannar 1997 b’riferenza MHS/T1/8/96 skond il-provvedimenti ta’ Artiklu 28(2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta’ Malta.

It-Tribunal zamm 7 seduti.

Anthony Pisani, aktar ‘il quddiem jissejjah l-”appellant”, kien assistit mill-avukat Mark Busuttil u Malta Shipbuilding Co Ltd, aktar ‘il quddiem tissejjah il-”Kumpanija” kienet rapprezentata mis-sur Romeo Vella assistit mill-avukat Philip Sciberras.

**IL-FATTI FIL-QOSOR**

L-appellant kien impjegat bhala Labourer. L-impjieg tieghu ntemm mit-8 ta’ Awissu, 1996 permezz ta’ ittra ta’ l-istess

data mill-kumpanija. It-tkeccija sehhet wara li fis-16 ta' Gunju, 1995 kien instab hati ta' serq minn fuq il-post tax-xoghol mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Dik is-sentenza giet konfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-25 ta' Lulju, 1996.

Kazi ta' dixxiplina fil-kumpanija kienu regolati minn Regolamenti ta' Dixxiplina li dahlu f'sehh fit-22 ta' Mejju, 1989 u li kienu ghadhom isehhu fid-data meta gara l-kaz. Fl-1996 dahal Kodici ta' Dixxiplina gdid.

**TRATTAZZJONI**

Il-kaz ta' l-appellant kien mibni fuq il-fatt li hu tkecca minghajr ma nghata l-opportunita' jiddefendi ruhu quddiem Bord ta' Dixxiplina mahtur skond ir-Regolamenti tad-Dixxiplina tal-Kumpanija. Ghan-nom ta' l-appellant intqal li ghal xhur shah, ghalkemm sospiz, baqa' jircievi l-paga shiha.

Fis-sottomissjonijiet finali li saru f'ismu ssemmew proceduri u gew ikkwotati artikoli (1.12; 1.13; 1.14.) tal-Kodici tad-Dixxiplina 1996 tal-Malta Shipbuilding Co Ltd. Saret ukoll riferenza ghal dak li jsir fis-Servizz Pubbliku meta ufficjal pubbliku jinsab hati minn Qorti wara proceduri kriminali. Gie sottomess li kull impjegat tal-Gvern jinghata l-opportunita' li jiddefendi lilu nnifsu quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u li l-Kummissjoni tikkunsidra jekk hemmx mitigazzjoni jew zieda f'xi kastig u li hi l-Kummissjoni li fl-ahhar mill-ahhar tiddeciedi x'jigri minn impjegat.

Issemmew ukoll decizjonijiet fi Qrati tar-Renju Unit li ttrattaw kazi ta' tkeccija mill-impjieg minghajr ma l-haddiem inghata l-opportunita' jiddefendi ruhu.

It-tezi ta' l-appellant hi li ma giex moghti l-opportunita' jiddefendi ruhu quddiem Bord ta' Dixxiplina wara li l-htija tieghu giet konfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali u

ghalhekk, implicitament, li t-tkeccija tieghu kienet ivvizzjata.

Ghall-Kumpanija gie sottomess li l-appellant, fis-16 ta' Gunju, 1995 gie misjub hati ta' serq minn fuq il-post tax-xoghol. Dik is-sentenza giet konfermata fl-Appell fil-25 ta' Lulju 1996. Il-Kumpanija applikat artiklu 25 tar-Regolamenti tad-Dixxiplina 1989 li kienu jaghtuha d-dritt li meta jintemmu passi mill-Pulizija, impjegat li jinstab hati jista' jitkecca u hekk gie deciz li Anthony Pisani jitkecca.

Mix-xhieda tas-sur Romeo Vella rrizulta li, sakemm il-Kumpanija giet notifikata formalment mill-Pulizija li kienu nbdew il-proceduri, s-sur Pisani baqa' jithallas paga shiha, ghalkemm sospiz. Meta l-Kumpanija giet notifikata li l-proceduri gew mibdija l-appellant beda jinghata nofs paga kif previst f'artikoli 23 u 24 ta' l-imsemmija regolamenti.

Minn dokumenti ezibiti u mix-xhieda ta' l-istess Romeo Vella rrizulta li fuq medda ta' snin l-appellant kien instab hati ta' sensiela ta' offizi dixxiplinari.

Fis-sottomissjonijiet finali taghha l-Kumpanija cahdet li fil-kaz ta' Anthony Pisani jiccentraw aspetti ta' indoli kostituzzjonali. Qalet ukoll li lanqas seta' jkun hemm invokazzjoni ta' sottomissjoni ghal proceduri taht ir-Regolamenti tad-Dixxiplina.

Skond il-Kumpanija l-kaz hu purament ta' tkeccija wara dikjarazzjoni ta' htija pronunzjata minn Qorti indipendenti u kull ma kellu jaghmel it-Tribunal hu li jezamina u jiddeciedi jekk it-tkeccija kinitx ingusta.

**<u>KUNSIDERAZZJONIJIET U DECIZJONI</u>**

It-Tribunal innota li l-proceduri kontra Anthony Pisani nbdew mill-Pulizija meta kienu ghadhom fis-sehh ir-Regolamenti tad-Dixxiplina ta' l-1989. Effetivament is-sentenza ta' l-ewwel

istanza nghatat f'Gunju 1995. Biss giet konfermata fl-Appell fil-25 ta' Lulju, 1996 meta seta' kien hemm fis-sehh il-Kodici tad-Dixxiplina ta' l-1996.

Ghalkemm il-Kodici ta' l-ahhar m'ghandu ebda provvediment transitorju dwar kazi mibdija qabel il-hrug tieghu, t-Tribunal m'ghandux dubju li, logikament kazi mibdija qabel ma seta' dahal fis-sehh il-Kodici kellhom ikunu regolati bir-Regolamenti precedenti.

Id-difensur ta' l-appellant xebbah dak li gara fil-kaz ta' l-assistit tieghu mal-pozizzjoni ta' ufficcjali pubblici f'kazi fejn dawn jinsabu hatja ta' offizi kriminali. F'kazi simili decizjoni dwar x'isir minnhom tittiehed mill-Prim Ministru li jagixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

It-Tribunal ma jarax li jezisti xi paragun bejn kategorija ta' impjegati li l-impjieg taghhom hu protett specifikament mill-Kostituzzjoni u li jitkeccew biss fuq ir-rakkomandazzjoni ta' Kummissjoni kostituzzjonali u kategorija ohra ta' impjegati li ghandha forma ohra ta' protezzjoni legali. Wiehed jista' forsi jikkjarifika li f'kazi fejn ufficcjal pubbliku jinstab hati ta' offiza kriminali l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku timxi a bazi tad-decizjoni tal-Qorti minghajr ma tisma' lill-ufficjali. Hekk ghamlet il-Kumpanija f'dan il-kaz.

F'kazi ta' tkeccija d-dmir tat-Tribunal hu li jezamina dak li jigi sottomess lilu u jara u jifli jekk :

a) it-tkeccija saritx ghal raguni valida;
b) fl-andament tal-kaz gietx osservata l-ligi, kemm dik miktuba u kemm dik naturali;
c) dak li sar sarx skond proceduri stabbiliti bi ftehim kollettiv jew b'xi mod iehor, fejn ikunu jezistu proceduri.

Dan il-kaz hu wiehed ta' tkeccija wara li haddiem gie misjub hati ta' serq minghand min ihaddmu mill-Qrati tal-pajjiz. L-

appellant kellu kull opportunita’ jaghmel id-difiza tieghu quddiem il-Qrati u madankollu nstab hati.

Serq minn azjenda li persuna tkun impjegata maghha jolqot il-fondament tar-relazzjoni bazata fuq fiducja li ghandha tezisti bejn haddiem u min ihaddmu. Dan indipendentement minn nuqqasijiet passati. Is-sur Anthony Pisani gie misjub hati ta’ serq mill-Qrati. Il-piena li nghata mill-Qrati ma jtaffix in-nuqqas tieghu versu min kien jimpjegah. Fid-dawl tal-fatti t-Tribunal ihoss li l-Kumpanija ma kellhiex triq ohra hlief li tezercita’ d-dritt ta’ tkeccija li kellha minghajr proceduri ulterjuri. Ghalhekk it-Tribunal jikkonferma li l-appellant tkecca ghar-raguni valida u b’mod konformi mar-Regolamenti.

**DRITTIJIET**

Ghall-finijiet ta’ l-Avviz Legali Numru 48 ta’ l-1986 it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta’ min assista l-partijiet fl-ammont ta’ Lm40 (erbghin lira Maltin) kull wiehed.

B’hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

--------------------
**Albert J. Tabone**
**CHAIRMAN**

----------------
**Edwin Spiteri**
**A/Segretarju**

mrg